MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 809/2003

**Godric Marston**

**vs**

**Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-28 t'Awissu 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Sarah Marston**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 t'Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Marzu 1999 skond id-dokument hawn anness u mmarkat Dokument "GM1".

Illi l-konvenuta li hija ta’ nazzjonalita’ Ngliza zzewget ma’ l-attur u madwar sena wara hija abbandunatu billi telqet ghal kollox lejn ir-Renju Unit u dana hekk kif ser ikollu l-opportunita’ illi jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat peress li nkiseb b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa vvizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 6 t’Awissu 2003 fejn talab li jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta Sarah Marston.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 28 t’Awissu 2003 fejn laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Vincent Galea u lill-

Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-9 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ppreﬁggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta' l-attur tat-18 ta' Frar 2004 minn fol. 23 sa 28 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu, ta' huh Charlo Marston u ta' Joseph Rivans, u ddikjara li m'ghandux provi aktar kollox.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tas-26 ta' Frar 2004 a fol. 29 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 30 sa 32 tal-process.

Rat ir-rikors tal-kuratur Dr. Vincent Galea *et* datat 26 ta' Frar 2004 fejn talab li jigi ffissat provizorjament depozitu akkont xieraq a tenur ta' l-**artikolu 938 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** sabiex jaghmel tajjeb ghad-drittijiet u spejjez ta' l-esponenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 1 ta' Marzu 2004 fejn f'dan l-istadju cahdet it-talba.

Rat il-verbali tal-4 ta' Marzu 2004 u tal-25 ta' Mejju 2004.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 28 ta' Mejju 2004 fejn talab li l-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicina qabel il-waqfien tas-sajf, liema talba giet michuda mill-Qorti b'digriet tal-31 ta' Mejju 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-14 ta’ Lulju 2004 fejn talab li l-kontro-parti tigi mitluba tiddikjara ghandhiex provi xi tressaq u ghandhiex l-intenzjoni taghmel kontro-ezamijiet lix-xhieda ta’ l-attur.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 26 ta’ Lulju 2004.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 29 ta’ Lulju 2004 fejn innominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet rikjesti, u fl-istess waqt irrikjamat il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghat-13 t’Ottubru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 16 ta’ Settembru 2004 fejn permezz taghha esebixxa hames dokumenti bhala prova ta’ proceduri li gew inizjati fir-Renju Unit minn martu Sarah Marston.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 28 ta’ Settembru 2004 fejn talab li fid-differiment li jmiss il-kawza tigi deciza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 30 ta’ Settembru 2004 fejn laqghat it-talba u konsegwement il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 t’Ottubru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap.255**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Kanone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta' w ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dana bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi ma hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta fformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**Kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega

l-awtur ***Castano*** (**Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**):-

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam propprietatem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue i casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta' tieghu nterna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (***Bejan*** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (***Abbo*** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru 1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista' jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta' April 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage".* (***Rogers*** 11 ta' Novembru 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma' dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi min-naha l-ohra fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fit-totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifhmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta' reciproka li l-partijiet jaghtu u jwieghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punt iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni wara z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra-konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu rizultat ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'il fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti.

Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi fl-ahharnett l-artikolu **19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di*

*giudizio)"* (***Bersini F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "…….. se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (****Pompedda MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (****Viladrich P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

## (ii) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mix-xhieda ta' l-attur **Godric Marston** jirrizulta li qabel ma zzewweg lill-konvenuta huma kienu ilhom sentejn gharajjes. Il-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Ngliza pero' kienet ilha tghix Malta ghal ghaxar snin minghajr ma kellha familjari f'Malta. Ghaldaqstant kull tliet xhur riedet toqghod titlaq minn Malta u kull certu zmien kienet trid tmur l-Ambaxxata Ngliza biex jittimbrawlha l-passaport fejn kienet anke jkollha thallas xi flus. Kienet hija li bdiet tinsisti li jizzewgu biex ikollha l-beneficcji kollha ta' mara barranija mizzewga Malti. Huwa xehed li ceda ghal din il-pressjoni minkejja li ma kienx totalment konvint mill-pass li kien se jiehu. Pero' l-attur stqarr li beda jithassarha. Infatti in kontro-ezami xehed li huwa f'dak iz-zmien kien kuntent li jmur ighix maghha biss. Huwa ma kienx ihoss li r-relazzjoni taghhom f'dak l-istadju kienet waslet fi stadju matur li kellhom jizzewgu.

Illi huwa sostna li minn dejjem ghamilha cara li wara z-zwieg ighixu hawn Malta kemm ghax hawn huwa ghandu l-gheruq tieghu, kif ukoll minhabba xoghlu. Il-konvenuta qatt m'oggezzjonat ghal dan.

Illi meta zzewgu huwa mar ighix fi *flat* Ta' Sliema li kien mikri minn Sarah Marston sa minn qabel iz-zwieg. Qabel iz-zwieg kienet tmantni lilha nnifisha hija pero' wara kien beda jhallas kollox hu. L-attur sostna li wara z-zwieg martu nbidlet kompletament – tbiddel il-karattru, l-attitudni u kienet taghmel minn kollox biex iddejqu. Hija lanqas kienet taghmel xejn id-dar. Kien ikollu jaghmel kollox hu. Min-naha tieghu hu kien jipprova jaghmlilha l-hajja facli.

Illi huma damu jghixu tliet xhur flimkien wara z-zwieg. Imbaghad il-konvenuta bdiet tghidlu li qed thossha *homesick.* Ghalhekk telghet l-Ingilterra suppost ghal gimaghtejn imma baqghet hemmhekk xahrejn. L-attur mar ghaliha u kkonvinciha biex tinzel. Ghamlet xahrejn Malta u regghet telqet. Mar ghaliha u nizlet, izda wara gimgha Malta telqet lura l-Ingilterra u ma rritornatx anke jekk tela' ghaliha diversi drabi. Mhux hekk biss, talli ghamel xhur

shah jibaghtilha l-flus biex ikollha biex thallas il-biljett ta' l-ajru sabiex tigi lura. Hija qed tghix ghand il-genituri taghha. Meta tkellmu qaltlu li hi ma kinitx preparata tinzel Malta *"ghalissa"*.

Illi meta nfurmaha li ma kienx se jibqa' jghaddilha flus ircieva *voice mail* min-naha taghha li kienet se tibda l-proceduri ghad-divorzju. Infatti xi zmien wara l-avukat tieghu rcieva xi nkartamenti dwar id-divorzju liema dokumenti gew esebiti fil-proceduri odjerni.

Illi **Charlo Marston**, hu l-attur, xehed li waqt li huh u Sarah kienu gharajjes kienu jidhru koppja normali. Hija kienet tbaghti bil-burdati u b'karattru pjuttost rizervat. Qabel ma zzewgu huwa kien tkellem ma' huh dwar fejn kienu se joqoghdu u l-attur kien qallu li kellhom jitilghu ghal ftit l-Ingilterra u mbaghad joqoghdu permanentement Malta. L-attur deher li ma kienx dispost ighix l-Ingilterra. Iz-zwieg kien sempliciment rit civili u ma sar l-ebda riceviment wara. Illi huwa jaf li wara z-zwieg huh beda tiela' u nizel l-Ingilterra biex jipprova jikkonvinci lil martu tigi lura mieghu Malta sakemm fl-ahhar hija telqet u ma gietx aktar lura.

Illi **Joseph Rivans,** habib ta' l-attur, xehed li meta gieli ra lil siehbu ma' Sarah Marston meta kienu gharajjes kienu jidhru koppja normali. Huwa qal li Godric dejjem qallu li wara z-zwieg xtaq joqghod Malta. Ix-xhud qal li minhabba li kien jahdem f'hanut tal-*fast food* gieli ghadda jaghtihom xi ikel. Huwa jaf li l-attur wara li martu telqet minn Malta baqa' jibaghtilha l-flus. Dan ix-xhud stqarr li ma jafx ir-raguni ghalfejn Sarah telqet minn Malta izda skond kif qallu l-attur hija bdiet timmissja lill-familjari taghha.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kunsens tal-konvenuta kien wiehed simulat b'mod totali. Infatti dan jirrizulta b'mod car mill-komportament taghha wara li zzewgu. Mhux car ghalfejn hija qabdet u telqet minn Malta. Dan anke ghaliex ghalkemm Dr. Vincent Galea bhala kuratur taghha baghtilha ittra rregistrata bl-informazzjoni dwar il-kawza

pendenti u hija ma kkomunikatx mieghu. Illi rrizulta li Sarah Marston tliet xhur biss wara li zzewgu qabdet u telqet minn Malta u halliet lil zewgha warajha. Illi ghalkemm hija kienet ilha tghix Malta ghal ghaxar snin shah qabel ma zzewget qalet lill-attur li bdiet thoss n-nuqqas tal-familjari taghha u bdiet tiela' u niezla l-Ingilterra sakemm ma gietx lura aktar anke jekk zewgha pprova diversi drabi jgibha lura. Mix-xhieda prodotti rrizulta li l-attur minn dejjem kien ghamilha cara li xtaq jibqa' joqghod Malta wara z-zwieg kemm minhabba l-gheruq tieghu kif ukoll minhabba x-xoghol li ghandu.

Illi din il-Qorti hija konvinta li meta Sarah Marston tat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg hija kienet qed teskludih kompletament ghax kien biss ghaliha zwieg ta' konvenjenza biex tidhol u tohrog minn Malta meta joghgobha minghajr ebda problemi. Infatti kienet hija li ppressat lill-attur biex jizzewgu, anke jekk huwa kien ihoss li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kenitx immaturat biex twassal ghal dak il-pass. Barra minn hekk kif appena waqaf jibaghtilha l-flus hija mill-ewwel ipprocediet biex tibda l-procedura tad-divorzju. Din l-azzjoni minnha nfisha turi li allura hija zzewget biex ikollha min imantniha. Tant huwa hekk li l-attur xehed li ghalkemm qabel iz-zwieg kienet tmantni lilha nnifisha, wara li zzewgu beda jhallas kollox hu.

Illi minhabba li rrizulta li dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-konvenuta *nomine* ssimulat il-kunsens taghha, din il-Qorti mhix se tidhol fl-artikoli l-ohra li fuqhom giet ibbazata c-citazzjoni attrici.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti thoss li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat minhabba difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u dan peress li l-istess attur bil-mod kif xehed jindika bl-aktar mod car li huwa kull ma' ghamel kien biss li pprova jikkomoda lill-konvenuta fix-xewqa taghha u dan peress li kien aktar konvenjenti ghaliha li tiehu l-istat ta' mara mizzewga civilment f'dan il-pajjiz. Dan jidher li kien konvenjenti wkoll ghall-attur – ghalkemm xejn ma kien konvint dwar ir-rabta vera u proprja ta' zwieg mal-

konvenuta, tant li jammetti li huwa ghalhekk izzewweg biss civilment u ma zzewwigx bil-knisja. Fil-fatt ghall-attur dan kien biss zwieg bi prova, u ladarba l-prova ma rnexxietx, u anke minhabba kif zviluppaw l-affarijiet, jidher car li l-partijiet qatt ma qablu fejn kienu ser joqoghdu wara li jizzewgu. Il-partijiet it-tnejn, dejjem kellhom f'mohhhom li johorgu minn din ir-relazzjoni – ghaliex in verita' mpenn ghall-istess ma kienx hemm u ghalhekk certament li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat ukoll a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-partijiet datat 5 ta' Marzu 1999 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255,** cjoe' l-**Att taz-Zwieg tal-1975 (Att XXXVII)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta assenti u a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------